Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT 11/15/MS

Maurizio Abela

vs

Total Mobile

Illum, 9 ta' Marzu, 2015

It Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent Maurizio Abela tal-15 ta' Jannar 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra**

Illi rrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Mejju 2014, ir-rikorrent xtara *mobile* tat-tip Samsung Galaxy S4, b'termini ta' garanzija, ghal prezz ta' €380.00. Wara ftit xhur ir-rikorrent qed jallega li l-*mobile* kien qed ikollu problema bir-*reception*, tant li biex din terga' tigi rikuprata, kien ikollu jitfi l-*mobile* u jerga' jixghelu. Wara illi dan ic-ciklu avvera ruhu diversi drabi, hadu ghand is-socjeta' intimata ghat-tiswija, u skond huma biddlu is-*software*. Pero, id-difett ippersista u ghat-tieni darba il-*mobile* rega' ttiehed ghand is-socjeta' konvenuta, li din id-darba ippruvaw is-sistema fuq il-mezzi taghhom, li indikalhom kollox korrett. Il-*mobile* nghata lura lir-rikorrent, pero' il-problema skond hu, baqghet hemm. Ghalhekk din id-darba ppretenda li l-*mobile* kellu jinbidel. Is-socjeta' konvenuta rrifjutat u r-rikorrent intavola ilment mal-MCCAA, li pero' ma kellux ezitu posittiv. Kien ghalhekk illi issa adixxa lil dan it-tribunal.

Illi s-socjeta' konvenuta, min-naha taghha qieghda tirrifjuta t-talba tar-rikorrenti, peress illi skond hi, l-*mobile* jiffunzjona tajjeb u di piu', peress illi kellu daqqa fuq genb minnhom, irrendih f'kundizzjoni hazina u ghalhekk ma setax jitbiddel.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Ikkunsidra**

Jibda biex jinghad li t-Tribunal kellu l-okkazjoni li jara l-*mobile* in kwistjoni u osserva illi d-daqqa ilmentata mis-socjeta' konvenuta hija verament insinnifikanti u zgur ma jistax jinghad li l-mobile kien f'kundizzjoni hazina. Forsi, bhala *second hand*, kien jitlef xi valur, pero' jekk jiffunzjona tajjeb, dana ghandu jaghti s-servizz tat-tip u tul mistenni minnu.

Illi mill-lat tekniku, it-Tribunal mhuwiex f'posizzjoni illi jikkumenta dwar ir-raguni il-ghala il-*mobile* qed jagixxi b'dak il-mod. Li jaf zgur hu illi gie provvdut *video* taz-zewg mobiles, it-tnejn bl-istess service provider - wiehed qed jircievi ir-reception b'mod normali u l-iehor - mertu ta' dan il-kaz - le.

Illi evidentement, il-bdil tas-*software* ma kenitx is-soluzzjoni u r-resoluzzjoni ta' dan id-difett qieghed x'imkien iehor, illi jidher qed jisfuggi wkoll l-isocjeta' intimata. Ir-rikorrent xtara oggett gdid, u hallas flus tajba ghalih. Kwindi ghandu d-dritt jippretendi illi jigi moghti oggett tajjeb u li jista' juzah ghall-iskop illi hu intiz jintuza. Evidentement dan mhuwiex il-kaz. Il-*mobile* ghadu taht garanzija u kwindi, la l-problema baqghet tippersisti il-*mobile* ghandu jinbidel.

Peress illi fi kwalunkwe kaz, il-*mobile* intuza ghal kwazi sena, ghandu daqqa zghira fuqu, il-valur tieghu m'ghandux jigi meqjuz bhala ta' wiehed gdid. Kien ikun desiderabbli kieku r-rikorrent esebixxa il-mobile kontemporanjament mal-avviz, pero dan ma sarx.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal ihoss illi t-talba tar-rikorrent m'ghandhiex tigi milqugha fl-intier taghha, u b'sens ta' gustizzja tilqa' parzjalment it-talba u tordan lis-socjeta' konvenuta li thallas lir-rikorrent is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00), b'dan li s-socjeta' tista' tiehu lura l-mobile in kwistjoni. Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**